QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 6 TA' LULJU 2001

Avviz Nru 32/98DM

Francis Tonna

vs

Vincenti Grixti

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut sabiex:-

1) Jirrestitwixxi u jirritorna lill-attur il-vettura bil-mutur Morris Marina Nru. J7325(M);
2) Jigi kkundannat ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Qorti ghall-uzu tal-imsemmija vettura li ghamel mill-11 ta' Mejju 1993 sad-data li effettivament jirritorna u jirestitwixxi l-istess vettura lil-attur;
3) Jhallas lill-attur id-danni mill-attur sofferti konsegwenzjali ghad-deprezzament u deterjorament tac-citata vettura, prevja dikjarazzjoni ta' din il-Qorti tar-risponsabilta' tal-istess konvenut wara li dawn id-danni jigu likwidati minn dina l-Qorti;
4) Jghid ghaliex din il-Qorti mghandiex tillikwida il-valur li ghall-fini tal-kompetenza ma jeccedix Lm650 tat-truck Nru B4578(M) nieqsa pero l-ispejjes imhallsin ghalih mill-attur, u dana skond sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Mejju 1993 fil-kawza fl-ismijiet inversi (Citaz. Nru 631/89F.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru tal- 31 ta' Dicembru 1997 kontra l-konvenut li gie ngunt minn issa ghas- subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Vincent Grixti fejn eccepixxa:

1 Fl-ewwel lok l-inkompetenza ‘ratione valoris’ ai termini tal-Artikolu 747 tal-Kapitolu 12;

2 Fit-tieni lok ir-‘res judicata’;

3 Fit-tielet lok l-azjoni attrici hi irritwali peress illi din ma hijiex preceduta minn talba deklaratorj ta’ responsabilita’;

4 Fir-raba ‘ lok it-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li sal-lum l-attur ghadu ma ottemperax ruhu mad-decizjoni tal-Qorti tal-Kummerc tal-10 ta’ Mejju 1993 in re “Vincent Grixti –Vs- Francis Tonna et” (Citazjoni Numru 631/89/F);

5 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi prodotti jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjoni tal-kontendenti li jaqblu li n-negozju li kienu ghamlu fir-rigward tal-vetturi msemmija fl-avviz kien gie xjolt.

L-attur ma jikkontestax li l-valuri tal-vetturi dak inhar tal-ftehim kienu ta’ LM1750 ghall-Marina bin-numru J 7325 u ta’ LM1350 ghat-trukk B 4578 u billi l-attur qed jitlob bl-ewwel talba tieghu ir-restituzzjoni tal-vettura Marina din it-talba timplika valur in eccess tas-somma ta’ LM1000 li kienet tiddelimita il-kompetenza ta’ din il-Qorti ‘rationae valoris’ fiz-zmien tal-prezentata tal-avviz.

Ghalhekk tilqa l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut u tiddikjara ruhha inkompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ23